MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 21(2)/K7/2014 |
| Data: | It-Tlieta 2 ta' Settembru 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sna Romina Galea |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Maurice Agius |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużat | Dr Alex Sciberras |
| | | Is-Sur Charles Selvaggi |
| | | IS-Sur Emanuel Brincat |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tlieta 21 ta' Awwissu, 2014. L-Aġenda kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa li saret fid-29 ta' Awwissu:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 20/K7/2014
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru
7. Proposti għal Sistema ta' Riċiklaġġ
8. Affarijiet oħra jekk urġenti
9. Aġġornament

**Seduta Numru 21(2)/14**

1033 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

## 1 Kommunikazzjoni minn laqgħat li saru

1034 Xi Kunsilliera tkellmu fuq il-laqgħa pubblika li saret fl-iskola Primarja ta' l-Imsida fit-12 ta' Awwissu.. F'din il-laqgha kien preżenti l-Onor Ministru Mallia flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija u anke is-supretendent Mamo. L-aktar li kkummentaw ir-residenti li attendew din il-laqgħa kien fuq l-immigranti li qed jgħixu fl-Imsida, kemm dawk mill-pajjiżi ta' l-Afrika u anke dawk ta' pajjiżż tal-Lvant ta' l-Ewropa. Is-Sindku qalet li wara l-laqgħa hi ġiet mitluba tibgħat informazzjoni dwar fejn hemm l-aktar problemi ta' immigranti (li jimblokkaw bankini u propjeta' privata tar-residenti, u anke fejn ikun hemm storbju żejjed fil-għaxijiet u pparkjar bl-addoċċ). Din l-informazzjoni ntbagħtet minnufih pero' l-Kunsill ma ngħata l-ebda nformazzjoni fuq l-azzjoni li ser tittieħed. Is-Sindku ingħatat konferma li l-uffiċċju tar-Refuggee Commission ser jiċċaqlaq mill-Imsida u jmur il-Belt. Is-Sur Maurice Agius qal li l-Kunsill messu jitlob devoluzzjoni ta' dan il-bini biex issir xi 'Youth Centre', jew anke post fejn jistgħu jsiru xi laqgħat jew jiltaqgħu xi għaqdiet. Is-Sur Bartolo qal li l-Kunsill flok jifrex f'postijiet oħra forsi aħjar jirranġa fil-bini tal-Kunsill stess. Il-Kunsill qabel li ta' l-inqas għandu jiġi rranġat it-taraġ mill-aktar fis. Intqal li waqt il-laqgħa tal-Ministru Mallia r-residenti talbu li l-pulizija jiċċekjaw l-liċenzji tal-ħwienet u anke l-liċenzji tas-sewqan ta' l-immigranti.

1035 Il-Kunsill gie informat li saret laqgħa mal-GreenPak pero' din il-materja ser tiġi diskussa aktar tard fl-Aġenda.

1036 Is-Sindku qalet li attendiet il-laqgħa tal-Kumitat tar-Reġjun Ċentru, li ssir kull xahar fil-Kunsill ta' L-Imsida, fejn hi ġiet nformata li l-Kunsill ta' L-Imsida għandu jiehu 16,000 ewro mill-fondi tar-Regjun. Dawn il-flus huma dovuti għas-sena 2013. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-Kunsilli intalbu li jiftħu kont tal-bank fejn dawn il-flus ikunu jistgħu jiġu depożitati. Intqal ukoll li ser jagħtu xi flus oħra ta' din

lil Kunsilli biex ikopru is-sena 2014. Il-Kunsill approva li jinfetah il-kont għal dan l-iskop. Is-Sur Bartolo ssuġġerixxa li l-Kunsill jibda jwarrab minn dawn il-flus biex isir it-taraġ u l-puġġamann. Hu qal li kien talab kwotazzjoni fejn ix-xogħol tat-taraġ ġie stmat madwar €2000 u l-puġġamann €800. Is-Sur Maurice Agius qal li l-ewwel proġett li jsir għandu jkun it-taraġ u l-puġġamann.

1037 Is-Sur Matthew Agius tkellem fuq laqgħa li attenda organizzata mill-MEUSAC. F'din il-laqgħa ingħata overview ta' fondi ta' Youth Exchanges u Twinning. Is-Sur Matthew Agius u anke s-Sindku qablu li importanti li l-Kunsill jibda billi jikseb esperjenza f'dawn it-tip ta' fondi u proġetti qabel jipprovaw isiru proġetti aktar komplessi. Is-Sindku qalet li kienet għamlet kuntatt ma' lokalita' fl-Italja pero' għadha qed tistenna aktar informazzjoni minn għandhom. Is-Sur Agius qal li Justin Fenech kappaċi joffri sapport amministrattiv f'dawn il-proġetti imma qal li għadu jistenna l-proposta tiegħu fuq kif jista jaħdem flimkien mal-Kunsill.

1038 Is-Sur Matthew Agius qal li ltaqa, flimkien mas-Sindku, mas-Sur Murana li jaħdem fl-MTA u tkellmu fuq attivitajjiet li jista jorganizza l-Kunsill ta' L-Imsida u xi għajnuna li tista tingħata mill-MTA. Is-Sindku kienet ħarġet bl-ideja tal-Festa tal-Karti u s-Sur Matthew Agius qal li l-Imsida tista' tagħmel il-Festa tal-Ħut, imma ġie informat li dan diġa ssir f'lokalita' ohra. Hu qal li jistgħu jigu nklużi s-Snajja tradizzjonali Maltin. Is-Segretarju qalet li għaddejjin pjanijiet biex isir xi ‘Artisans Market’ fil-gnien ta' quddiem il-Knisja u anke biex issir ‘Health and Safety Day’ fis-19 t'Ottubru. Sar qbil li jiġi stabilit ‘Activities Committee’ biex jiġu organizzati dawn l-attivitajjiet. Il-membri ser ikunu s-Sindku, s-Sur Matthew Agius u s-Sur Bartolo.

## 2 Proposta għal-Sistema ta’ Riċiklaġġ

1039 Il-Kunsill ġie informat li s-Sindku, s-Segretarju u s-Sur Maurice Agius għamlu laqgħa mal-GreenPak rigward is-servizz tal-ġbir tal-materjal riċiklabbli. Il-proposta ġiet ppreżentata lill-Kunsill. Il-proposta oriġinali kienet tinkludi li l-Kunsill iħallas għad-dawra tal-ġbir ta' nhar ta' Tlieta u l-Kunsill jingħata ħlas skont il-materjal miġbur. Intqal li saret diskussjoni mal-Kuntrattur biex jagħmel id-dawra mingħajr ma’ jithallas u jieħu l-materjal hu pero' dan m' aċċettax. Il-Kunsill reġa ddiskuta mal-Greenpak u il-Greenpak aċċetta li d-dawra ta' nhar ta' Tlieta titħallas minn għandhom. Għadhom għaddejjin diskussjonijiet minħabba d-dawra ta' nhar ta' Gimgħa. Il-Kunsill kien approva li nhar ta' Gimgha tibda tinġabar il-borża s-sewda minnflok issir recycling. Ġie spjegat li l-ftehim mal-Greenpak mhux ser jinkludi l-ġbir fil-bring in sites. Għalhekk il-BIS li huma ‘domes’ ser jitneyħħew għax il-kuntrattur tal-Kunsill m'għandux biex jiġborhom. Dawn is-siti jinsabu f' Misraħ il-Barrieri, ħdejn il-ġibjun, Triq Victor Denaro, u s-Swatar. Is-Sur Matthew Agius ried jagħmilha cara li hu ma jaqbilx li l-Kunsill jineħħi ġurnata riċiklaġġ u l-BIS f'daqqa. Qal li jaħseb li permezz ta' dawn il-miżuri r-residenti mhux ser jibqgħu jirriċiklaw daqs kemm kienu qabel. Il-Kunsilliera l-oħra ma’

qablux ma dan. Is-Segretarju qalet li permezz ta' kampanja edukattiva li l-Kunsill bil-ħsieb li jwettaq flimkien ma' l-iskola primarja u l-Greenpak ir-recycling ser jiżdied. Intqal li l-Bring In Sites (li huma skips bir-roti) ser jibqghu fil-lokal. U fejn l-iskola u anke fis-Swatar jitpoġġew skips bir-roti wkoll. L-unika BIS li ser jitneħħew huma ta' Misrah il-barrieri u ta' ħdejn il-gibjun li saru 'dumping zones'. Intqal li għalkemm jitnaddfu kuljum, u anke jgħaddi tal-Bulky Refuse darbtejn fil-ġimgħa xorta jkunu mimlijin żibel minħabba li r-residenti taż-żona, jew anke forsi xi nies minn barra r-raħal, isibuhom komdi biex jgħaddu u jarmu ż-żibel tagħhom hemm. Intqal ukoll li issa, darba fix-xahar, il-hġieġ ser jibda jinġabar minn wara l-bibien tan-nies ukoll. Sar qbil li l-ġbir ta' nhar ta' Ġimgha issir (bi prova) wara nofs in-nhar. Is-Sur Maurice Agius ippropona li ssir bejn l-4pm u s-7pm. Intqal li jekk ma taħdimx, is-sistema tista tinbidel. Sar qbil li ser issir laqgħa oħra mal-Greenpak biex jiġu konlużi d-diskussjonijet.

## 3 Affarijiet Oħra

1040 Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li nħareġ 'Call for Applications' għall-pożizzjoni ta' 'Clerk Scale 15 - Back to Back'. Din il-pożizzjoni ġiet vakanti wara li is-Sna Marisa Xerri Demanuele ġiet is-sekondata mal-Ministru tas-Saħħa. Is-Segretarju talbet li jinħatar Bord ta' l-Għażla għal din l-applikazzjoni. Aċċettaw is-Sindku, is-Sur Lino Bartolo u s-Sur Maurice Agius. Is-Segretarju qalet li ser tinformahom meta ser isiru l-intervisti.

1041 Is-Sur Maurice Agius qal li l-Kunsill hemm bżonn li jieħu azzjoni fuq l-ammont ta' karozzi abbandunati li hemm fil-lokal. Is-Sindku qalet li nbeda l-proċess billi qed jitwaħħlu l-karti fuq dawn il-karozzi u qed jinżamm reġistru. Hu qal li wieħed partikolari twaħlitlu karta f'Rue D'Argens, neħħa l-karta, neħħa l-karozza u għamilha fi Triq il-Makna tas-Serrar. Hu ried ikun jaf x'ser isir. Ġie informat li ser issir laqgħa mas-Supretendent u din il-materja ser tiġi diskussa. Il-Kunsill qabel li trid issir xi ħaġa imma hemm bżonn l-għajnuna mill-Pulizija.

1042 Is-Sur Matthew Agius semma li l-SDM kelmuh fuq it-'traffic management' ta' ħdejn il-Junior College. Intqal li it-TM ġew lura b'xi amendi u dawn intbagħtu lil Perit biex jamendaw il-pjanti u jerġghu jissottomethuhom. Hu talab biex l-SDM jiġu nformati f'dan.

1043 Is-Sur Maurice Agius telaq mill-laqgħa fis-18:52.

1044 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq l-imejl tal-kompetizzjoni ta' attivitajjiet sportivi. Din il-kompetizzjoni hija mnegħdija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sur Abela Wadge qal li ser jiċċekja l-imejl biex jagħmel il-proponimenti.

1045 Is-Sur Bartolo tkellem fuq is-sit ta' Triq il-Wied ta' L-Imsida kantuniera ma' Valley Road u fuq l-ittra li ntbagħtet mill-Perit ta' sid l-art. Sar qbil li l-Kunsill jiktib lis-sid biex is-sit titnaddaf u anke li jiġu nformati s-sezzjoni ta' l-Enforcement tal-MEPA biex jieħdu azzjoni fuq in-nuqqas tal-bini tal-boundary wall. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-Perit qal li hu mhux sid l-art u talbet li l-Kunsill għandu jitkellem biss ma' sid l-art.

1046 Is-Sur Bartolo tkellem fuq ir-rampa li hemm bżonn issir ħdejn id-dar ta' l-anzjani. Hu qal li mar jkejjel il-bankina u li tgħaddi 'wheelchair' minn dik il-parti, għalhekk hemm bżonn li ssir rampa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Hu spjega li din ir-rampa ser issir faċċata tal-Gabbana tal-Pepsi (ħdejn ta' l-AVIS u l-mużew).

1047 Is-Sur Bartolo qal li talab kwotazzjoni mill-ELC biex tissewwa l-ħsara tal-ħruq li sar fil-festa fil-Ġnien ta' quddiem il-Knisja. L-ispiża telgħet għal madwar €1000. Is-Sindku informat il-Kunsill li l-assikurazzjoni li kellhom l-Għaqda tan-Nar kienet b''access' ta' €2000 u li huma m'għandhomx flus biex ikopru dawn l-ispejjeż. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir laqgħa fejn jiġu nformati li din id-darba l-Kunsill ser ikopri l-ispejjeż imma li mhux ser jerġa jkopri spejjeż oħra fil-futur. Is-Sur Matthew Agius qal li importanti li niċċekkjaw l-assikurazzjoni li jkollhom qabel nagħtu n-No Objection. Is-Segretarju qalet li f'dan il-każ ikun irid jitqabbad xi ħadd apposta minħabba li hi mhix kompitenti biex tiċċekja l-policies ta' l-insurance. Sar qbil li ssir laqgħa ma' Raymond Sultana li applika f'isem l-Għaqda tan-Nar.

1048 Is-Sur Bartolo talab li fi Triq il-Kunċizzjoni (mal-ħajt tal-faċċata tal-bini tal-Gvern) isiru l-fanali bħal ma hemm fuq in-naha l-oħra tat-triq għax qal li ma jidrux puliti naħa fanali qodma u naha oħra fanali moderni. Hu qal li hemm 9 fanali li jridu jinbidlu. Il-Kunsill qabel li bħalissa hemm prioritajjiet ohra fuq xiex jiffoka l-Kunsill.

## 4 Aġġornament

1049 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-19:19.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv